# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 763

KAZ NRU. 764

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Spiteri

u

G.V. Xuereb Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 19 ta' Novembru 1996

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 23 t'April 1993 riferenza ME 2/93 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **RAPPREZENTANZA**

2.1 L-appellant kien irraprezentat mill-avukat Toni Abela

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-sur George Xuereb mghejjun mill-avukat George Cutajar.

## 3. LISTA TA’ XHIEDA

3.1 Ghall-appellant xehdu :

is-sinjuri Anglu Busuttil
Martin Deguara
Anthony Spiteri
l-appellant innifsu

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :

is-sinjuri Joseph Mifsud
Joseph Sciberras
Magdalene Spiteri
George Xuereb

## 4. PREZENTAZZJONI TA’ DOKUMENTI

4.1 L-appellant ipprezenta :

4.1.1 stqarrija preliminari immarkata Dok 1

4.1.2 tlett ittri datati 11 ta’ Gunju 1993, 17 ta’ Gunju 1993 u 6 ta’ Dicembru 1995, li kollha kienu jinkludu ismijiet ta’ xhieda immarkati Dok 3,4 u 5 rispettiva-ment

4.1.3 zewg dokumenti li juru d-dhul tieghu mal-Kumpanija ghas-snin 1991 u 1993 immarkati Dok 6 u 7.

4.2 Il-Kumpanija ipprezentat l-istqarrija tal-kaz immarkata Dok 2.

It-trattazzjoni finali taz-zewg partijiet saret bil-fomm.

## 5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1 L-appellant stqarr li :

5.1.1 hu beda jahdem mal-Kumpanija nhar id-29 ta’ Settembru 1989 fil-kariga ta’ Labourer fuq kuntratt ghal zmien indefinit

5.1.2 matul il-perjodu kollu ta’ l-impjieg tieghu mal-Kumpanija hu baqa’ jaghmel ix-xoghol ta’ Labourer u qatt ma inghata kariga ta’ Plant Operator

5.1.3 hu spicca mill-impjieg nhar is-26 ta’ Frar 1993 bi ksur ta’ l-artiklu 34(4) ta’ Kapitlu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta

5.1.4 fic-cirkustanzi hu ghandu jinghata kumpens xieraq.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li :

5.2.1 l-appellant kien gie mpjegat u l-impjieg tieghu kien terminat fid-dati li stqarr hu stess

5.2.2 nhar l-1 ta’ Jannar 1992 hu nhatar Plant Operator u inghata zieda fil-paga

5.2.3 l-impjieg ta’ l-appellant kien terminat minhabba “redundancy” u thallas skond il-Ligi

5.2.4 galadarba hu accetta minghajr riserva l-hlas dovut lilu skond il-Ligi u sab impjieg iehor f’qasir zmien m’hemmx lok ghat-talba tieghu ghall-kumpens.

6. **ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET**

6.1 L-appellant argumenta li :

6.1.1 Ghalkemm huwa minnu li f’xi zmien saq taghmir tal-Kumpanija dan mhux ghaliex kien inhatar f’xi kariga ghola minn dik ta’ “Labourer”

6.1.2 ghalkemm matul is-smigh tal-kaz il-Kumpanija stqarret li r-raguni ghat-temm ta’ l-impjieg kienet “redundancy” qatt ma ngiebet prova ta’ dan

6.1.3 ghalkemm huwa minnu li accetta l-ahhar hlas li inghata dan zgur ma jtellfu ebda dritt legali

6.1.4 ghalkemm bil-hila tieghu sab impjieg f’ qasir zmien dan kien bi hlas anqas minn dak li kellu mal-Kumpanija

6.1.5 it-Tribunal Industrijali ghandu l-fakulta’ li minbarra danni materjali jillikwida wkoll danni morali. Hekk ghandu jaghmel f’dan il-

kaz

6.1.6 fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal ghandu jiddikjara li t-temm ta’ l-imjieg kien bi ksur tal-Ligi u jaghti kumpens xieraq.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :

6.2.1 F’Jannar 1992, l-appellant inhatar Plant Operator b’zieda relatata fil-paga. Meta fi Frar 1993 kien mgharraf bit-temm ta’ l-impjieg ma talabx biex jahdem bhala Labourer, accetta l-flus dovuti lilu u fittex u sab impjieg iehor f’qasir zmien

6.2.2 ir-raguni vera ghat-temm ta’ l-impjieg kienet “redundancy”

6.2.3 fid-dawl ta’ dan kollu t-temm ta’ l-impjieg sar skond il-Ligi u m’hemmx lok ta’ kumpens.

## 7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

7.1 Id-dokument immarkat Dok 7 mahrug mill-Kumpanija nhar is-26 ta’ Frar 1994 biex juri d-dhul ta’ l-appellant matul l-1993 juri l-kariga ta’ l-appellant bhala dik ta’ Labourer.

7.2 Matul is-smigh tal-kaz il-Kumpanija ma esebit ebda dokument li juri xi formalita’ fil-hatra ta’ l-appellant minn Labourer ghall-Plant Operator.

7.3 Fix-xhieda tieghu Joseph Sciberras stqarr li meta

ma kienx ikun hemm xoghol bid-”Dumper” kien jordna lill-appellant biex jaghmel xoghol ta’ “Labourer”. Bhal ma gie li sar ghal xi granet seta’ wkoll sar meta nqala tnaqqis fir-ritmu tax-xoghol ghal zmien itwal u li wassal ghat-tmiem ta’ l-impjieg ta’ l-appellant. Id-differenza ta’ Lm10.25 li kien hemm fil-paga ta’ l-appellant minn meta dahal sa meta ntemm l-impjieg hija maghmula minn Lm6.75 ghal zieda fl-gholi tal-hajja u Lm3.50 li ma inghatatx raguni cara ghalihom waqt is-smigh tal-kaz. Fin-nuqqas ta’ provi mod iehor it-Tribunal Industrijali ikkonkluda li dan il-hlas kien qed jinghata ghax-xoghol addizzjonali ta’ sewqan ta’ taghmir tal-Kumpanija.

7.4 Ix-xhieda ta’ l-appellant li wara t-temm ta’ l-impjieg tieghu komplew fl-impjieg Labourers ohrajn li kienu dahlu warajh kienet kontestata mill-Kumpanija. B’dana kollu l-Kumpanija naqset milli tipprova li dawn il-Labourers li thallew fl-impjieg kienu impjegati ma’ Kumpaniji ohra ta’ l-istess sid.

8. **DECIZJONI**

Fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li :

8.1 l-kariga ta’ l-appellant mal-Kumpanija kienet ta’ Labourer sad-data tat-temm ta’ l-impjieg. Iz-zieda ta’ Lm3.50 fil-gimgha li l-appellant kien jiehu kienet ghal xoghol addizzjonali ta’ sewqan li kien jaghmel u forsi wkoll ghal servizz mal-Kumpanija izda mhux ghal hatra f’kariga ghola.

8.2 It-temm ta' l-impjieg ta' l-appellant kien bi ksur ta' l-artiklu 34(4) tal-Kapitlu 135 tal-Ligijiet ta' Malta.

8.3 Il-Kumpanija ghandha thallas lill-appellant kumpens ta' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm120) ghal temm ta' mpjieg bi ksur tal-Ligi. Dan il-hlas ghandu jsir f' zewg pagamenti ndaqs u konsekuttivi wiehed kull gimghatejn. L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien gimghatejn mid-data ta' din id-decizjoni.

8.4 Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

-------------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg